Avviż Numru CCT 162/17/F

**Simone Bugeja**

**vs**

**V.G. Tiles & Marble Centre**

Illum, 13 ta' Frar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf, mija u erbgħa u sittin Ewro (€1,164), rappreżentanti prezz ta' irħam iswed tal-kitchen top u ta' l-island.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal jinnota wkoll li saret kontro-talba mis-soċjeta' konvenuta, fejn fil-kontro-talba s-soċjeta' ntimata talbet elf u erba' mitt Ewro (€1,400), rappreżentanti l-prezz tal-bilanċ li kien għadu dovut.

Ir-rikorrenti ddikjarat fl-affidavit tagħha illi ordnaw ix-xogħol ta' l-irħam għall-wiċċ tal-kċina kif ukoll għall-island, u kif ukoll ċertu Kristinu ġie biex ikejjel u meta ġew biex iwaħħlu, irriżultaw diversi problemi. Bħala fatt ukoll hemm ir-ritratti li qed juru dan.

Minħabba n-natura teknika tal-każ, it-Tribunal qabbad espert tekniku sabiex jirrelata dwar il-każ u jkun jista' jagħtih direzzjoni. Fil-fatt fir-rapport tekniku magħmul mill-espert Vincent Ciliberti, fejn ikkonkluda illi mix-xhieda s-soċjeta' ntimata kienet qatgħet l-irħam mhux skond id-disinn u l-mudell imħejji minnu u dan ċertu Kristinu kien waħħlu ħażin.

It-Tribunal, ukoll ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat fejn fost affarijiet oħrajn qal illi l-konvenut ma kienx responsabbli għall-installazzjoni tal-materjal, hemm ukoll il-kwistjoni tal-preskrizzjoni u l-attriċi kienet preżenti waqt it-tqegħid.

It-Tribunal jinnota s-segwenti:

Illi fl-ewwel lok il-kawża mhix preskritta stante li kien hemm diversi tentattivi daparte tas-soċjeta' ntimata sabiex jirranġaw anke waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Fit-tieni lok hija rrilevanti li l-attriċi kienet preżenti waqt it-tqegħid għax jekk sar xogħol li ma kienx skond dak li kien miftiehem ma taffettwa xejn, u l-fatt illi anke baqgħet tħallas hija parti mill-mertu tal-każ.

It-Tribunal qed jikkonkludi s-segwenti:

Illi fl-ewwel lok għandu jirriżulta ampjament illi l-irħam ma kienx dak kif kien miftiehem u ordnat, issa t-tort jekk huwa ta' Kristinu jew it-tort huwa tas-soċjeta' intimata, hija r-responsabbilta' tas-soċjeta' ntimata li tassigura illi l-irħam ikun dak miftiehem;

U t-tieni lok ikun dak li se jitpoġġa fuq il-post, illi hija r-responsabbilta' tas-soċjeta' ntimata li għalhekk qegħda titħallas tax-xogħol.

It-Tribunal iħoss għalhekk illi s-soċjeta' ntimata naqset serjament sabiex tagħmel dak li ġiet imqabbda tagħmel, apparti difetti oħrajn li rriżultaw waqt is-smiegħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf mija u erbgħa u sittin Ewro (€1,164), u b'dan illi l-irħam isir propjeta' tas-soċjeta' ntimata, u jista' jitneħħa minnu a spejjeż tagħha, u kif ukoll it-Tribunal qed jiċħad il-kontro-talba tas-soċjeta' konvenuta u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata,.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**